# Is-Surmast li għamel unur lil raħalna

*kitba ta' Joe Mifsud*


- IN MEMORIAM -

VINCENZO CARUANA SPITERI
NATO A C. LUCA
MAESTRO PRINCIPALE
DELLA SCUOLA ELEMENTARE
DI SANNAT-GOZO
LASCIÒ QUESTA VALLE
DI LAGRIME
PER UNIRSI AL CREATORE
IL 16 APRILE 1932
ALL'ETÀ DI 35 ANNI.

LA FAMIGLIA DESOLATA
I MAESTRI E GLI ALUNNI
CUI EGLI CON VERO INTELLETTO D'AMORE
SOSTENTAVA, DIRIGEVA, ISTRUIVA
RICONOSCENTI
OFFRONO FERVIDE PRECI
PER IL RIPOSO
DELL'ANIMA SUA [illegible]NDIDA.

Gesù! Maria! Giuseppe. (Ind. 7 a. e 7 q.)
Gesù mio, misericordia! (300 g. Ind.)

Is-Surmast Vincenzo Caruana Spiteri, jew kif kienu jafuh aħjar is-Surmast Ċensu, għalkemm twieled Ħal Luqa, huwa personalità marbuta intrinsikament mar-raħal tagħna Ta' Sannat. Daħal l-ewwel darba f'Ta' Sannat biex jiġi jmexxi l-iskola primarja ta' raħalna. U min qatt ħaseb li filwaqt li jkun hawn, kien se jagħni lil raħalna b'wirt li ma jtemmu l-ebda żmien? Bħala wirt qed nirreferi għall-arkivju ta' mużika kollha kompożizzjonijiet tiegħu.

Vincenzo ġej minn raħal li trid u ma tridx ħafna tfal, speċjalment dak iż-żmien kienu jispiċċaw jitgħallmu jdoqqu xi strument ma' waħda miż-żewġ baned tal-lokal ta' Ħal Luqa. Qed nirreferi għall-Banda Sant Andrija u għall-Banda l-Unjoni. U hekk trawwem iċ-ċkejken Vincenzo, fil-Każin Sant Andrija għad-dell tal-knisja hu tgħallem il-klarinett li ħareġ idoqq mal-istess banda. Anke żewġ ħutu oħra, Ġio Batta u Indrija, spiċċaw bandisti mal-istess banda. Ta' età żgħira marad bit-tuberkolożi u għalhekk kellu kontra qalbu jħalli l-klarinett peress li kien baqa' jbati bin-nifs. Iżda l-imħabba għall-mużika ma waqfitx hemm. Vincenzo kompla l-istudji fuq il-pjanu u l-vjolin. Minbarra l-istudji mużikali t-tifel kien moħħu tajjeb ukoll fl-iskola. Fl-eżamijiet Vincenzo kien dejjem jiġi fl-ewwel postijiet. Fil-fatt ta' età żgħira laħaq għalliem u wara li kompla jistudja spiċċa surmast. Caruana Spiteri kien jibbrilla fejn tidħol il-Matematika. Xhieda ta' dan hu il-ktieb li ħareġ bħala gwida tal-Aretmatika għall-għalliema f'Mejju tas-sena 1918. Hawn noħroġ spunt fuq l-umiltà bla preċedent li kien jipprofessa s-Surmast. Fuq nota li kiteb fl-aħħar tal-ktieb, hu jgħid li pprova juża metodi ħfief u evita metodi kumplikati biex ma jifxilx lil kull min jużah. Hu kompla billi qal li qagħad ħafna attent li ma jkunx fih żbalji, imma fakkar li hu uman bħal ħaddieħor għalhekk ma jeskludix li għad ikun hemm min isiblu xi żball. Hu spiċċa din in-nota billi qal " Jien ma nippretendix li xogħli hu perfett. Żbalji għad jinstabu, u ħafna, għax jekk kienu u għadhom jinstabu difetti saħansitra f'kitbiet ta' nies famużi allura x'tippretendu minni?" Kliem għaref li minnu għandna ħafna x'nitgħallmu.

Kienet il-Providenza Divina li tefgħet dan is-Surmast kbir f'raħalna għal tnax-il sena sħaħ. Vincenzo kien iqatta' l-ħin tiegħu jikkomponi diversi biċċiet tal-mużika varji imma primarjament dawk reliġjuzi. L-eqdem biċċa mużika li tippossjedi l-parroċċa tagħna hija Tantum Ergo per Basso li spiċċa jikkomponi fl-14 ta' Novembru 1914 jiġifieri ta' tmintax-il sena. Fis-sena ta' wara reġa' kkompona Tantum Ergo ieħor kif ukoll l-Overture, bl-isem ta' The European Conflagration. Irridu niftakru li dak iż-żmien l-Ewropa kienet għadha ħierġa mill-flaġell tal-ewwel gwerra dinjija u għalhekk din ispirat lis-Surmast Caruana Spiteri biex jikteb dan il-kapolavur. Kapolavur ieħor hija l-Laudate Dominum li kkompona fl-1920. Id-devozzjoni tas-Surmast lejn il-Madonna tidher fid-diversi kompożizzjonijiet li hu kiteb b'tema Marjana. Fost dawn insibu l-Beata Mater (13 ta' Ġunju 1920), Ave Maris Stella (7 ta' Ġunju 1927) u l-famużi 31 Litanija lill-Madonna biex jindaqqu fix-xhur ta' Mejju u Ottubru. Għalkemm kien minn Ħal Luqa, Vinċenzo bħal kull Sannati ieħor bejjet f'qalbu l-imħabba lejn il-Patruna tagħna Santa Margerita. U hawn Caruana Spiteri narawh jinseġ l-isbaħ innijiet lil Santa Margerita li b'unur


Responsori per l'Ora Santa
di
Giovedì Santo
alle ore 9. sino 10 p.m.
1925 V. Caruana


Stabat Mater
Miserere (canto fermo)
Litanie

għadna ngawduhom sal-lum matul il-jiem tal-festa. L-ewwel innu li kien ikkompona kien iġib l-isem Inno a Santa Margerita Veni Sponsa. Dan inkiteb fl-1923 u llum insibuh bħala il-Jesu Corona Virginum, propjament il-kliem tal-ewwel vers ta' dan l-innu. Kiteb ukoll l-innu tal-Matutin li jindaqq biss nhar il-festa filgħodu kif ukoll ħames salmi bl-isbaħ wieħed il-Laudate Pueri miktub għall-kor u żewġ vuċijiet. Imma bla dubju l-iktar kompożizzjoni għall-qalb is-Sannatin hija l-Antifona Veni Sponsa Christi li hu spiċċa jikkomponi fl-4 ta' Lulju 1926. Mur għidlu lis-Surmast Caruana Spiteri kemm għad jimtlew għajnejn bid-dmugħ kull darba li jisimgħu din il-kompożizzjoni!


Caruana Spiteri - Ruma: Sena 1930

Imma bil-miġja tas-Surmast Vinċenzo ġewwa ta' Sannat ma gawdiex biss raħalna iżda Għawdex kollu. Is-surmast tal-Banda La Stella tal-Belt Victoria, Mro Giuseppe Giardini Vella kien ħabib intimu tas-Surmast Caruana Spiteri. Fil-fatt Vincenzo kien idoqq vjolin prim mal-orkestra tal-istess Giardini Vella. Tant Giardini Vella kien jafda fis-Surmast Caruana Spiteri, li meta kien ikun indispost kien jafda lilu biex jidderieġi. Bandisti anzjani mill-banda La Stella kienu qaluli li min jaf kemm Giardini kien imur ta' Sannat biex iġib jew iwassal lil Vincenzo jew lil xi bandisti oħra bil-karozza tiegħu stess. F'dik il-ħabta ta' min isemmi li kien hemm xejn inqas minn sitt bandisti minn ta' Sannat idoqqu mal-banda La Stella. Dawn kienu: Ġuzepp Grima (il-Patrun) li kien idoqq saxafon alto, Ġuzepp Camilleri (iż-Żebbugi) li kien idoqq klarinett prim, Ġorġ Muscat (tad-Diqq) li kien idoqq klarinett ukoll, Pinu Gatt (tad-Dadis) li kien idoqq ewfonju, Ġanni Bajada (ta' Baċċu) li kien idoqq kornu, u Toni Tabone (iċ-Ċinnu) li kien idoqq ewfonju. Iktar tard kien hemm ukoll Wenzu Borg li kien idoqq ewfonju. F'dak iż-żmien karozzi ftit kien hawn u l-biċċa l-kbira tal-bandisti minn ta' Sannat kienu jmorru r-Rabat għall-kunċerti bir-rota. Giardini kien javżahom biex meta jkun il-maltemp ma jinqalgħu xejn u jmur iġibhom hu bil-karozza.

Proġett ieħor li ħalla il-marka ta' ħbiberija bejn Giardini u Caruana kien il-miġja tal-qniepen melodjużi ta' raħalna. Kienu Giardini u Caruana li taw il-parir lill-Arċipriet Cassar biex it-ton ikun in La Maggiore. Kien l-istess Caruana Spiteri li ssuġġerixxa d-ditta Baricozzi ta' Milan biex minnha jiġu ordnati il-qniepen. Is-sett qniepen tal-knisja ta' Ħal Luqa huma tal-istess ditta, għalhekk jista' jkun li Caruana Spiteri minn hemm ġab l-idea li jiġu ordnati għand il-Baricozzi. Ħasra li ma laħaqx semagħhom għax kien ġa miet. Jingħad li meta waslu l-qniepen, Giardini kien mar ħdejn iċ-ċimiterju biex jisma' l-melodija tal-qniepen għall-ewwel darba u hemm ikkonferma li dak il-prodott li ssuġġerew hu u Caruana Spiteri laħaq l-aspettattiva tant mixtieqa.

Proġett ieħor li għalkemm m'hemm xejn ikkonfermat bil-miktub, għandu l-impronta ta' Giardini u Caruana Spiteri huwa l-Innu l-Kbir lil Santa Margerita. Dan kien l-ewwel innu kbir li kiteb Giardini. Żgur kien is-surmast Ċensu li ħajjar biex jiġi ordnat dan l-innu u ma setax jonqos li jissuġġerixxi lil Giardini. Fatt ieħor li smajt minn bandisti anzjani hu li meta kienet toqrob il-festa Caruana Spiteri kien ilaqqa' l-kor għall-provi tal-innu. Giardini waqt il-kunċerti kien jirreferi għal dan l-innu *bħala ix-short and sweet* kif fil-fatt hu dan l-innu, bla tul żejjed imma melodjuż ferm. Kien jieħu kafè ġewwa ħanut tax-xorb fil-pjazza tat-Tokk flimkien ma' Giardini meta Caruana Spiteri ħalla din id-dinja għal għarrieda. Kien is-17 t'April 1932 fid-9.30 ta' filgħodu. Kif kien xieraq il-Banda La Stella akkumpanjatu waqt il-funeral kien hemm ukoll rappreżentanza tal-banda Leone, u l-banda San Andrija ta' Ħal Luqa, filwaqt li s-Surmast Giardini Vella mexxa l-mużika waqt il-quddiesa funebri.

Mro Vincenzo Caruana Spiteri ġie midfun fuq iz-zuntier tal-knisja faċċata tal-Każin tal-Banda. Mur għidlu lis-Surmast Ċensu li ż-żerriegħa li beda jiżrà hu kellha tixxettel u tikber f'Soċjetà Mużikali S. Margerita li tagħmel unur lil raħalna!